# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 133/2024: **PANTA MARKETING & SERVICES LIMITED (C11233) V. SKILLS PROPERTIES LIMITED (C86054)**

(AMMONT DOVUT)

**MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK**

**27 ta' Jannar 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Panta Marketing & Services Limited (imsejjħa "il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") intavolat fl-24 ta' Ġunju 2024[1] li permezz tiegħu talbet lil Skills Properties Limited (imsejjħa "il-kumpanija intimata" jew "l-intimata") sabiex tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid 'l għaliex m'għandiex tiġi kkundannat minn din il-Qorti:

> **'Sabiex tħallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' hamest elef disgha mija tnejn u ghoxrin punt sebgha tmienja Ewro (€5922.78) rapprezentanti bilanc ghad-debitu in konnessjoni ma xiri u tiswija ta ghodda tal-marka "Hilti", minnek ordnat u accettat, u dan skond statement hawn anness u mmarkat Dok "A", u kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan stanti l-fatt li ghalkemm li gejt interpellat sabiex thallas l-ammont hawn fuq imsemmi anke ufficjalment, int bqajt inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra tieghek.**
>
> **Bl-ispejjez kollha inkluz l-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-23 ta' Jannar, 2024 tal-mandat ta sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma din il kawza u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta l-istess ittra**

[1] Fol 1-2

**ufficjali u cioe mit-30 ta Jannar 2024 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata, li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom."**

wara li rat li bl-Ordni tagħha tad-19 ta' Lulju 2024[2] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* ordnat lill-intimata sabiex tippreżenta r-risposta tagħha u jekk ikun il-każ, kontrotalba, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika lilha tar-rikors u tal-Ordni u inoltre appuntat il-kawża għall-provi tar-rikorrenti għat-18 ta' Novembru 2024,

wara li rat li l-intimata ġiet notifikata bir-rikors promotur u bl-Ordni msemmija inkluż l-avviż tas-smiegħ fis-27 ta' Lulju 2024[3],

wara li rat illi l-intimata baqgħet ma daħħlet l-ebda risposta fit-terminu prefiss lilha,

wara li semgħet ix-xhieda,

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Il-kawża infetħet mill-kumpanija rikorrenti sabiex titlob il-ħlas lilha ta' bilanċ ta' prezz ta' għodda mixtrija mill-kumpanija intimata u li baqa' ma tħallasx.

2. Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2024 xehed **Diego Attard**, rappreżentant tar-rikorrenti u li xogħolu magħha huwa illi jiġri wara d-debituri sabiex jitlobhom jħallsu dak dovut minnhom lill-kumpanija. Huwa ikkonferma li l-ammont dovut mill-intimata huwa dak ta' € 5,922.78 u li ma tħallas xejn minn mindu nfetħet il-kawża odjerna. L-ammont jirrappreżenta bilanċ ta' prezz ta' għodda tal-marka "Hilti" li nxtraw mill-kumpanija intimata fuq ordnijiet tagħha stess. Xehed illi fl-2023 kien ġie mitlub minn Silvio Camilleri, direttur tal-intimata, sabiex jiffissaw laqgħa ħalli jiddiskutu l-bilanċ. Din il-laqgħa saret f'Settembru 2023. Wara l-laqgħa huwa kien bagħat l-informazzjoni mitluba minn Camilleri. Fit-18 ta' Jannar 2024, Silvio Camilleri infurmah permezz ta' messaġġ[4] illi *"Il-payment ma jistax johrog ghax sar sekwestru fuqi, fuq Marti u fuq il kumpanija min ma kin kont nahdem qabel. Panta ser jithalsu in due time però ma nistax nghidlek meta. Jekk Panta trid Tiftah kawża jien*

[2] Fol 4-5
[3] Fol 8 wara
[4] Fol 15-16

*ma nistax inwaqafkom però bhalissa payment ma jistax johrog. Hekk ghandek bil-miktub li ha tithalsu in due time."*

3. Fl-istess seduta x-xhud esebixxa ukoll *shareholders resolution* datata 28 ta' Mejju 2021 li turi illi l-kumpanija intimata kienet reġistrata bħala *"Skills Properties Competence Limited"* u li biddlet isimha għal "Skills Properties Limited" b'effett min dik id-data.

4. Fl-istess seduta tat-18 ta' Novembru 2024, wara li r-rikorrenti għalqet il-provi tagħha l-Qorti ddiferiet il-kawża għal-lum 27 ta' Jannar 2025 għall-provi kollha tal-kumpanija intimata.

5. Fis-seduta tal-lum 27 ta' Jannar 2025 il-kumpanija intimata naqset milli tidher jew milli tkun rappreżentata fl-awla minn avukat u għalhekk il-Qorti qieset li ma kelliex provi xi tressaq.

6. Fiċ-ċirkostanzi il-Qorti tara li l-intimata m'għandhiex x'difiża xi tressaq u *di piu'* r-rikorrenti ressqet provi sufficjenti sabiex fuq bilanċ ta' probabiltajiet l-Qorti tilqa' t-talbiet tagħha.

7. Fir-rigward tal-ispejjeż l-Qorti ħadet *judicial notice* tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Jannar 2024 bin-numru 77/2024 ippreżentata taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru uffiċjali 1272/2024 ppreżentat kontestwalment mar-rikors promotur stante illi ma tressqet l-ebda prova tagħhom mir-rikorrenti. Il-Qorti tħoss però illi kien ikun ferm aħjar illi kieku kopji ta' dawn l-atti ġew esebiti mir-rikorrenti li suppost kellha l-kompitu u l-oneru li tressaq l-aħjar provi li tista' ġġib.

**Deċiżjoni**

8. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dan illi:**

    1. **tiddikjara illi l-intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta' ħames elef disa' mija tnejn u għoxrin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€ 5,922.78) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' għodda mixtrija minnha u li baqa' ma tħallasx;**

2. **tikkundanna lill-intimata tħallas din is-somma lir-rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet legali dekoribbli mit-30 ta' Jannar 2024 (data tan-notifika tal-ittra uffiċjali bin-numru 77/2024) sad-data tal-effettiv pagament.**

3. **tikkundanna lill-intimata tħallas ukoll l-ispejjeż kif mitluba.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y.M. Pace — Dep. Reġistratur